MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1084/2010

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera adidas International Marketing B.V.**

**vs**
**Dr. Patrick Valentino u P.L. Katrina Zammit Cuomo gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Al Zwetina Shipping A/C North Africa Shipping**
**El Nasr St. Opposite to Protocol Ministry Tripoli Libya T/+218 21 3341062,**
**b'digriet tas-16 ta' Dicembru 2010**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attur nomine tas-27 ta' Ottubru 2010 li jghid hekk

1. Illi s-socjeta’ rikorrenti adidas International Marketing B.V., ta’ Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju “Three Stripes Device” liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal kosmetici, fwejjah, arloggi, abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, loghob u bosta affarijiet ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument A;

2. Illi s-socjeta’ rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markju “Three Stripes Device” skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta’ intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, minhabba l-fatt illi s-socjeta’ rikorrenti irregistrat l-imsemmija markju “Three Stripes Device” bhala *Trademark* Komunitarja mal-‘Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 005271572 (kif muri f’Dok. A);

3. Illi jirrizulta illi fit-30 ta’ Awissu 2010 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “CMA CGM PUCCINI”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ *deodorant aerosol cans* li jgibu l-markju “Three Stripes Device” fuq imsemmi liema konsenja tikkonsisti f’erbat elef u tmin mitt (4,800) *deodorant aerosol cans*, b’Container Numru CMAU0195695 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003, u bi ksur tal-Provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini));

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru GGZ0325406 jirrizulta li l-konsenjatarji tad-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni huma ndikati bhala Al Zwetina Shipping A/C North Africa Shipping El Nasr St. Opposite to Protocol Ministry Tripoli Libya T/+218 21 3341062, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Ningbo Chiao Feng Shipping Co.,Ltd.;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-artiklu 16 ta’ l-istess Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u skond l-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn id-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u/jew skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta’ estera rikorrenti adidas International Marketing B.V. (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. B);

7. Illi din il-konsenja ta’ *deodorant aerosol cans* bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. C);

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita’ Ewropeja u fil-kazistika tal-‘European Court of Justice’ illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta’ Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 ta’ l-2003 intitolat “Regoli ta’ l-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja”

jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Għaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati (skond l-artikolu 2(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u/jew skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' *deodorant aerosol cans*, li tikkonsisti f'erbat elef u tmin mitt (4,800) *deodorant aerosol cans*, b'Container Numru CMAU0195695, da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skond l-artikolu 2(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 16 ta' l-istess Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003, u/jew skond l-artikolu 2(1)(a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tat-*Trademark* Komunitarja Numru 005271572, irregistrat f'isem is-socjeta' rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja));

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba sabiex jiddistruggu d-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-artiklu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u/jew skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u/jew skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

5. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-*deodorant aerosol cans* in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u/jew skond it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. E;

Rat id-digriet tas-16 ta' Dicembru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-15 ta' Frar 2011 fejn ecceppew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jippresentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri nomine

li ddikjara li ma ghandhux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Marzu 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta` attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markju 'Three Stripes Device' u l-markju distintiv maghruf bhala "Three Stripes Device", liema markji huma uzati minn din is-socjeta` fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal kosmetici, fwejjah, arloggi, abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, loghob u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument A, liema markju hu registrat bhala Trademark komunitarju numru 005271572.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru CMAU0195695 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM PUCCINI li kien diehel Malta fit-30 ta' Awwissu 2010 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' aerosol sprays li jgibu l-markju distintiv tas-socjeta' rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f'erbat elef u tmien mitt (4,800) aerosol cans u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artiklu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 15 ta' Ottubru 2010 (Dok. AC1) maghmul minn Timothy Behean, general counsel tas-socjeta' rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. A sa Dok. E u

atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (Dok. GA1) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta’ Timothy Behean li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni ta’ l-istess oggetti hija elenkata fil-prospett u d-dokumenti esebiti man-nota tar-rikorrenti datata 21 ta’ Frar 2011 (Dok. GA1). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-erbat elef u tmien mitt (4,800) aerosol cans in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ aerosol cans konsistenti f’erbat elef u tmien mitt (4,800) b’Container Numru CMAU0195695 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skont l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “Three Stripes Device”;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex abbazi ta' l-ewwel zewg talbiet attrici fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza
jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-erbat elef u tmien mitt (4,800) aerosol cans in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal- Kap. 414 kif jirrizulta mill-prospett Dok. GA1;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li lkuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------